MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 231/2003

**Direttur ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Anthony Magro**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn mija tnejn u sitta liri Maltin (Lm2162) rapprezentanti danni kkagunati fuq il-kjosk gewwa Triq it-Teatru l-Belt Valletta, u dan b’rizultat ta’ traskuragni, negligenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku waqt li huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBG 185, nhar id-9 t’Ottubru, 2000.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Mejju, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------